

Brussell, 22 ta' Frar 2022
(OR. en)

6426/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0392(NLE)

SCH-EVAL 21
DATAPROTECT 42
COMIX 87

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Frar 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	5893/22
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal- Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- protezzjoni tad-data

c

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Frar 2022.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, fl-2019 saret evalwazzjoni biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni ta' data personali fil-Polonja. B'segwitu għall-evalwazzjoni, ġie adottat rapport permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)9100 li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet, u li jelenka l-aħjar Prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.
- (2) Fid-dawl tal-eżiti tal-evalwazzjoni, huwa xieraq li jiġu rakkomandati lill-Polonja ċerti azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Huma meqjusa bħala prattiki tajbin, b'mod partikolari: il-qafas legali nazzjonali, li jippermetti li l-President tal-awtorità Pollakka għall-protezzjoni tad-data (DPA) jaħtar b'mod indipendenti l-viċijiet tiegħu kif ukoll il-membri tal-Kunsill Konsultattiv; li l-kandidati għall-kariga ta' President tad-DPA jeħtiġilhom jgħaddu minn smiġh pubbliku fil-Parlament, li jixxandar ukoll permezz tal-kanal uffiċjali tal-Parlament fuq l-internet; attivitajiet frekwenti ta' kontroll fir-rigward ta' fornituri esterni tas-servizzi, bl-involvement tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data, u kontrolli frekwenti tal-konsolati; l-impenn għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-persunal inkluż dwar il-protezzjoni tad-data, għall-utenti finali tas-Sistema nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Schengen (N.SIS) u l-persunal tal-Uffiċċju SIRENE; il-miżuri ta' sigurtà implimentati fl-istabbilimenti taż-żewġ ċentri tad-data li jospitaw l-N.SIS u s-Sistema nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Viża (N.VIS).
- (4) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni ta' data personali fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 11, 12, 13, 20, 21 u 22 kif stabbilit f'din id-Deċiżjoni.
- (5) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri u jenħtieġ li l-Polonja, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi korrett kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Polonja:

Leġiżlazzjoni

1. tiċċara b'mod espliċitu l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) għall-ipproċessar ta' data personali fl-N.VIS u l-N.SIS meta jkun rilevanti;

Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data

2. tiżgura li l-Artikolu 174 tal-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Artikolu 106 tal-2018 tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-Infurzar tal-Liġi li jstipula l-limitu massimu tal-ispejjeż għal kull sena partikolari ma jillimitawx il-baġit tal-awtorità Pollakka għall-protezzjoni tad-data (DPA) taħt is-somom allokatu fil-baġit tal-istat għal sena partikolari;
3. tiżgura li d-DPA tippjana u torganizza aħjar il-bosta spezzjonijiet tal-N.SIS II tagħha biex tiżgura li l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar tal-N.SIS II u l-entitajiet rilevanti kollha jkunu koperti u li l-ispezzjonijiet jirriżultaw f'awditu komprensiv tal-N.SIS II kif previst fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
4. tiżgura li d-DPA twettaq spezzjoni komprensiva tal-N.VIS biex twettaq bis-sħiħ il-kompiti tagħha f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;

Drittijiet tas-Suġġetti tad-Data

5. tiżgura li l-istatistika tad-DPA relatata mal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data tittejjeb u tiddistingwi l-ilmenti mit-talbiet, is-sistema li jirreferu għaliha (SIS jew VIS), is-suġġett, kif ukoll it-tip ta' talba (rettifika, tħassir, aċċess);
6. tiżgura li l-kontrollur tad-data jadotta approċċ aktar proattiv fir-rigward tal-ġhoti ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward tad-data tal-VIS;

7. tiżgura li l-kontrollur tad-data tas-SIS u tal-VIS (il-Pulizija Pollakka Nazzjonali - l-Awtorità Teknika Ċentrali għas-Sistema Nazzjonali tal-IT (CTA NITS)) jippubblika formoli standard għal talbiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data;

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

8. tiżgura li r-rekords ta' aċċess għall-VIS ikun fihom ukoll informazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni għal dak l-aċċess;
9. tivvaluta mill-ġdid il-lista ta' awtoritajiet b'aċċess għall-VIS u d-drittijiet ta' aċċess tagħhom għad-data tal-VIS, fid-dawl tal-kompetenzi tagħhom u l-użu ta' tali data fil-prattika;
10. fid-dawl tal-għadd kbir ta' kontrolluri tad-data tal-VIS stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali u d-dispożizzjonijiet kuntrattwali, u minħabba l-għadd kbir ta' atturi involuti, jiċċaraw ir-relazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti fil-proċess tal-ħruġ ta' viżi u l-awtoritajiet li jipproċessaw id-data tal-VIS, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' dawk l-awtoritajiet għall-ipproċessar tad-data;
11. tiżgura li, biex isir użu sħiħ mil-log fajls miżmuma, il-log fajls tal-VIS jiġu analizzati regolarment għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-data;
12. tadotta pjan ta' sigurtà tal-VIS li jkopri s-sigurtà fiżika tat-tieni sit tad-data kif ukoll aspetti oħrajn ta' sigurtà tal-IT tas-Sistema Nazzjonali tal-IT inkluża s-sistema N.VIS;
13. tallinja l-perjodu taż-żamma tal-logs dwar l-applikazzjonijiet relatati mal-VIS (b'mod partikolari fl-applikazzjonijiet "Pobyt" u "ZSE 6") mal-iskadenzi tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II

14. tiżgura li l-kontrollur tal-N.SIS II jistabbilixxi sistema ċentrali ta' ġestjoni tal-utenti li tippermetti awtomonitoraġġ effettiv mingħajr il-ħtieġa li jiġu kkonsultati logs fl-istituzzjonijiet li huma utenti aħħarin tas-sistema tal-N.SIS II;

15. tiżgura li, biex isir użu sħiħ mil-log fajls miżmuma, il-log fajls tas-SIS jiġu analizzati regolament għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-data;
16. tiżgura notifika awtomatizzata ta' avvenimenti ta' sigurtà tal-IT u attivitajiet ta' awtomonitoraġġ tal-kontrollur tad-data sabiex tkompli tittejjeb is-sigurtà;
17. tiżgura li l-miżuri tekniċi jinkludu wkoll l-imblukkar tal-użu ta' apparati jew stiekek tal-USB, billi timblokka l-portijiet tal-USB kollha fuq l-istazzjonijiet tax-xogħol tas-SIS;
18. tikkunsidra li l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data (DPO) tal-Ministeru għall-Intern ikun involut b'mod proattiv u regolari fil-monitoraġġ tal-ipproċessar tad-data tas-SIS u tal-VIS permezz tal-monitoraġġ tal-logs tal-awditjar;
19. tiżgura li l-kontrollur tad-data tas-SIS jipprovdi lid-DPA l-profilu tal-persunal tal-awtoritajiet kollha b'aċċess għas-SIS;
20. tallinja l-perijodu taż-żamma tal-logs fl-applikazzjonijiet b'aċċess għad-data tas-SIS f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 12(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI;
21. tiżgura li, f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, il-kontrollur tad-data tas-SIS jadotta pjan ta' sigurtà tas-SIS;
22. tiżgura li tiġi rieżaminata l-firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet b'aċċess għad-data tas-SIS II, sabiex jiġi żgurat li jkunu biss l-istituzzjonijiet li jeħtieġu li jkollhom aċċess, fid-dawl tal-kompetenzi u l-ħtiġijiet prattiċi tagħhom, li jistgħu jaċċessaw id-data;

Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku

23. tiżgura li s-siti web tad-DPA u tal-Pulizija jipprovdu informazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward tad-data tal-VIS.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
